

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tad-29 ta' Lulju 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju

(Kawża C-513/09) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2006/66/KE — Batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u akkumulaturi — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst)

(2010/C 246/22)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Peere u A. Marghelis, aġenti)

Konvenuta: Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentant: T. Materne, aġent)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta jew jikkomunika, fit-terminu previst, il-miżuri kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Settembru 2006, dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE (ĠU L 266, p. 1)

Dispożittiv

- 1) Billi ma adottax, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Settembru 2006, dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt din id-direttiva.
- 2) Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 37, 13.02.2010.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tad-29 ta' Lulju 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Estonja

(Kawża C-515/09) ⁽¹⁾

(“Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2006/21/KE — Immaniġġar tal-iskart mill-industriji ta' estrazzjoni — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst”)

(2010/C 246/23)

Lingwa tal-kawża: l-Estonjan

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Marghelis u K. Saaremäel-Stoilov, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Estonja (rappreżentant: L. Uibo, aġent)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (ĠU L 102, p. 15)

Dispożittiv

- 1) Billi ma adottax, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE, ir-Repubblika tal-Estonja naqset milli ttwettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.
- 2) Ir-Repubblika tal-Estonja hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 63, 13.03.2010

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tad-29 ta' Lulju 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju

(Kawża C-6/10) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2006/46/KE — Dritt tal-kumpanniji — Kontijiet annwali u kontijiet konsolidati tal-kumpanniji — Nuqqas ta' traspożizzjoni jew ta' komunikazzjoni tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni)

(2010/C 246/24)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Braun u L. de Schietere de Lophem, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentanti: M. Jacobs u J.-C. Halleux, aġenti)